Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,606, 12 ta' April, 2021
Taqsima B

A.L. 156 tal-2021

ATT DWAR L-INTRAPRIŻA TA' MALTA (KAP. 463)

Regolamenti tal-2021 dwar Għajnuna għall-Investiment 2021

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5 tal-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta, il-Ministru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli, wara konsultazzjoni mal-Korporazzjoni dwar l-Intrapriża ta' Malta u bi qbil mal-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, bidu fis-seħħ u applikabbiltà.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 dwar Għajnuna għall-Investiment 2021.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2021.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw fir-rigward ta' investiment inizjali eliġibbli favur it-twettiq ta' attività ekonomika kwalifikanti.

Tifsir,

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

Kap. 463.

"Att" tfisser l-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta;

"bidu ta' xogħlijiet" tfisser l-iktar kmieni jew il-bidu ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni relatati mal-investiment, jew l-ewwel impenn legalment vinkolanti għall-ordni ta' tagħmir jew kwalunkwe impenn ieħor li jagħmel l-investiment irriversibli. Ix-xiri ta' art u xogħlijiet preparatorji bħal kisba ta' permessi u t-twettiq ta' studji ta' fattibilità mhumiex meqjusa bħala "bidu tax- xogħlijiet". Fir-rigward ta' akkwisti, "bidu tax-xogħlijiet" tfisser il-mument ta' akkwist tal-assi marbuta direttament mal-istabbiliment akkwistat;

"insenità tal-għajnuna" tfisser l-ammont gross tal-għajnuna espress bħala persentaġġ tal-ispejjeż eliġibbli, qabel kwalunkwe tnaqqis ta' taxxa jew ħlas ieħor;

"impriża" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-Att;

"intrapriża kbira", "intrapriża ta' daqs medju", "intrapriża żgħira" u "mikro impriża" għandu jkollhom l-istess tifsira kif mogħtija lilhom fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma

kompatibbli mas-suq intern skontl-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat;

"Korporazzjoni" tfisser l-Intrapriża ta' Malta mwaqqfa skont l-Att;

"linji gwida" tfisser dawk il-linji gwida li jistgħu jiġu ppubblikati mill-Korporazzjoni minn żmien għal żmien skont l-Att;

"rilokazzjoni" tfisser trasferiment tal-istess attività jew simili jew parti minnha minn stabbiliment f'parti kontraenti waħda għall-Ftehim taż-ŻEE (stabbiliment inizjali) għall-istabbiliment li fih isir l-investiment mgħejjun f'parti kontraenti oħra għall-Ftehim taż-ŻEE (stabbiliment mgħejjun). It-trasferiment iseħħ jekk il-prodott jew servizz fl-istabbilimenti inizjali u mgħejjun, iservi mill-inqas parzjalment l-istess skopijiet u jissodisfa t-talbiet jew il-bżonnijiet tal-istess tip ta' klijenti, u l-impjiegi jintilfu fl-istess attività jew attività simili f'waħda mil-istabbilimenti inizjali tal-benefiċjarju fiż-ŻEE.

Proġetti eliġibbli.

3. (1) Il-proġett ta' investiment inizjali għandu jiġi kunsidrat għal assistenza jekk l-investiment jirriżulta fl-iżvilupp, espansjoni, diversifikazzjoni jew bidla fundamentali fit-twettiq ta' attività ekonomika kwalifikanti.

(2) (a) Għotjiet ta' assistenza finanzjara fi flus jistgħu jingħataw biss lil proġetti eliġibbli li għalihom applikazzjoni tiġi sottomessa u approvata qabel il-bidu tax-xogħlijiet u matul il-validità tal-iskema.

(b) Proġetti li jibdew qabel l-1 ta' Jannar 2021 jew li jkollhom bidu ta' xogħlijiet qabel l-approvazzjoni tal-Korporazzjoni, jistgħu jingħataw għajnuna biss fil-forma ta' kreditu ta' taxxa. Proġetti bħal dawn għandhom jiġu kkunsidrati biss fejn l-attività kienet koperta mill-iskema implimentata fuq il-bażi tar-Regolamenti dwar l-Għajnuna għall-Investiment.(Lulju 2014)

L.S. 463. 10.

(ċ) Proġetti ta' investimenti eliġibbli jingħataw għajnuna biss fir-rigward ta' proġetti li jibdew wara l-31 ta' Diċembru 2021 iżda fl-ebda każ aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2023 jew aktar tard jekk il-bidu tax-xogħlijiet damu minħabba fatturi barra mill-kontroll tal-benefiċjarju kif għandu jiġi determinat mill-Korporazzjoni, sakemm il-benefiċjarju jissottometti applikazzjoni għall-assistenza u l-għajnuna fir-rigward ta' proġetti bħal dawn tkun approvata mill-Korporazzjoni matul il-validità tal-iskema li fl-ebda każ ma għandha tkun aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2021.

(3) L-investiment u l-attività ekonomika kwalifikanti

għandhom jinżammu f'Malta għal perjodu minimu ta' mill-inqas ħames (5) snin jew tliet (3) snin fil-każ fejn il-benefiċjarju jkun SME, wara li jitlesta l-proġett ta' investiment.

(4) Il-benefiċjarju għandu jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja ta' mill-inqas ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tal-ispejjeż eliġibbli, jew permezz tar-riżorsi tiegħu stess jew permezz ta' finanzjament estern, f'forma li hija ħielsa minn kull appoġġ pubbliku.

(5) L-applikant jikkonferma li ma wettaqx rilokazzjoni fl-istabbiliment li fih għandu jseħħ l-investiment inizjali li għalih tintalab l-għajnuna, fis-sentejn (2) ta' qabel l-applikazzjoni għall-għajnuna u jagħti impenn li mhux se jagħmel dan sa perjodu ta' sentejn (2) wara li jitlesta l-investiment inizjali li għalih tintalab l-għajnuna.

Attivitajiet kwalifikanti.

4. Attività kwalifikanti skont dawn ir-regolamenti għandha tkun attività ekonomika li tikkonsisti f'kummerċ jew negozju li l-profitti jew qligħ li minnhom għandhom jitħallsu t-taxxa skont l-artikolu 4(1)(a) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, imwettqa jew maħsuba biex titwettaq minn impriża f'Malta li tikkonsisti biss f'attività kwalifikanti waħda jew aktar kif jista' jkun preskritt fil-linji gwida.

Kap. 123.

Forma ta' assistenza.

5. (1) Impriża li twettaq jew li biħsiebha twettaq attività kwalifikanti li tista' tikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku ta' Malta, għandha tkun mgħejjuna permezz ta' kreditu ta' taxxa (li jista' jintalab kontra kontijiet ta' taxxa futuri) jew għotja ta' flus ikkalkulata bħala persentaġġ tan-nefqa li tikkwalifika soġġett għat-termini u l-kondizzjonijiet tal-linji gwida.

(2) Għotjiet ta' flus jistgħu jingħataw biss lil proġetti eliġibbli li għalihom applikazzjoni tiġi sottomessa u approvata qabel il-bidu tax-xogħlijiet.

(3) L-għajnuna għandha tiġi kkalkulata bħala perċentwal ta':

(a) in-nefqa eliġibbli kwalifikanti kif stabbilita fil-linji gwida mġarrba minn impriża fir-rigward ta' proġett eliġibbli għat-twettiq ta' attività kwalifikanti; jew

(b) spejjeż tal-pagi għal impjiegi maħluqa direttament bħala riżultat tal-proġett eliġibbli kif għandhom jiġu speċifikati aktar fil-linji gwida.

Intensità tal-għajnuna.

6. (1) L-ammont ta' għajnuna għall-investiment li jista' jingħata skont dan ir-regolament għal proġett ta' investiment speċifiku ma għandux jaqbeż:

(a) tletin fil-mija (30%) tan-nefqa li tikkwalifika għal impriża li tikkwalifika bħala impriża "Żgħira";

(b) għoxrin fil-mija (20%) tan-nefqa li tikkwalifika għal impriża li tikkwalifika bħala impriża "ta' Daqs Medju";

(ċ) ħmistax fil-mija (15%) fir-rigward ta' proġetti inizjali ta' investiment imwettqa minn impriżi "Żgħar" u "ta' Daqs Medju" fl-iżvilupp ta' lukandi, *guest houses* u l-kumditajiet tagħhom kif liċenzjati mill-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta.

(d) għaxra fil-mija (10%) tan-nefqa li tikkwalifika għal impriża li tikkwalifika bħala impriża "Kbira".

(2) Għal impriżi kbar l-ispejjeż ta' assi intanġibbli kif definiti fil-linji gwida huma eliġibbli biss sa limitu ta' ħamsin fil-mija (50%) tal-ispejjeż totali eliġibbli tal-investiment għall-investiment inizjali.

(3) L-ammont massimu ta' għajnuna għal proġett kbir ta' investiment għandu jkun ikkalkulat kif preskritt fil-linji gwida.

Użu ta' kreditu ta' taxxa.

7. Kwalunkwe kreditu ta' taxxa mogħtija jista' jintuża biss mill-benefiċjarju sakemm l-attività kwalifikanti mgħejjuna tkun għadha qiegħda titwettaq. L-applikant għandu jagħti l-kunsens fid-dikjarazzjoni tat-taxxa tiegħu lill-Kummissarju tat-Taxxi biex joħroġ informazzjoni dwar kreditu tat-taxxa mill-Korporazzjoni. Il-Korporazzjoni għandha kull sena tipprovdi lill-benefiċjarju b'dikjarazzjoni ta' kwalunkwe bilanċ ta' kreditu ta' taxxa sakemm jintuża il-kreditu ta' taxxa allokat kollu.

Dispożizzjoni tranżitorja. L.S. 463. 10.

8. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar l-Għajnuna għall-Investiment (Lulju 2014) għandhom jibqgħu applikabbli għal assistenza mogħtija mill-Korporazzjoni qabel ma jidħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti.

Skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna.

9. L-ebda għajnuna skont dawn ir-regolamenti ma għandha tingħata mill-Korporazzjoni wara l-31 ta' Diċembru, 2021.